***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 339 tat-3 ta' Ġunju 2020 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-Seduta 338 tal-bieraħ, 2 ta' Ġunju, eżattament wara li spiċċaw il-Mistoqsijiet Parlamentari u fil-ħin tal-Mozzjonijiet, l-Onor. Robert Cutajar talab lis-Sedja u nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, din hija l-ewwel okkażjoni b'rabta ma' mistoqsija parlamentari li jien għamilt *way back* fit-18 ta' Mejju lill-Ministru Michael Farrugia dwar l-użu ta' kamra bħala uffiċċju fil-Park tal-Familja fil-Mellieħa. Dakinhar il-Ministru qalli li l-ebda entità, awtorità jew il-Ministeru tiegħu ma kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali biex jagħmel użu minn kamra ġo Family Park – li l-użu tiegħu huwa esklussivament għall-faċilitajiet sportivi – u jien qgħadt proprju fuqu. Jirriżultali li lbieraħ saret *site visit* minn nies fi ħdan il-Ministeru tal-Ministru Michael Farrugia f'kamra li llum tinsab fil-Park tal-Familja b'użu esklussiv għall-faċilitajiet sportivi u affarijiet oħrajn relatati. Allura l-Ministru hawnhekk ma kienx korrett jew naqas li jkun korrett f'dak li wieġeb meta qal illi mhu għaddej ...."

Meta mistoqsi mis-Sedja liema kienet il-mistoqsija parlamentari inkwistjoni, l-Onor. Robert Cutajar wieġeb illi:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** In-numru tal-mistoqsija parlamentari huwa 14716. Sur President, qed nippreżentalek korrispondenza li għaddiet mill-Uffiċċju tal-Permanent Secretary tal-istess Ministeru ferm qabel mid-data li ressaqt jien. Ovvjament il-kunċett huwa *remote working*. Aħna mhux qegħdin ngħidu ma naqblux mal-kunċett ta' *remote working*, imma li tintuża kamra mill-Park tal-Familja biex il-Ministru jagħmel uffiċċju hemmhekk, *definitely it's not on.*"

Is-Sedja infurmat lill-Onor. Cutajar li se tara l-każ, u talbitu jgħaddilha d-dokumenti li kien għamel referenza għamilhom.

Is-Sedja bdiet billi rat il-mistoqsija parlamentari li kien qed jagħmel referenza għaliha l-Onor. Robert Cutajar, ċjoè l-mistoqsija parlamentari 14716 dwar użu ta' uffiċċju fil-Park tal-Familja ġewwa l-Mellieħa li saret minnu fit-18 ta' Mejju 2020, u ser naqraha:

> "**L-Onorevoli ROBERT CUTAJAR staqsa lill-Onorevoli MICHAEL FARRUGIA (Ministru għall-Enerġija u Immaniġġar tal-Ilma):** Jista' l-Ministru jikkonferma jew le jekk hux għaddejin jew ġewx konklużi diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex il-Ministeru jew xi entità/awtorità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu jieħdu kamra jew kmamar li hemm illum fil-Park tal-Familja fil-Mellieħa sabiex jintużaw bħala uffiċini, dan meta l-istess park għandu l-użu speċifiku tiegħu bħala post għal rikrejazzjoni għall-familji kif ukoll biex jiġu pprattikati dixxiplini sportivi varji?"

Fis-Seduta 336 tas-27 ta' Mejju 2020, il-Ministru Michael Farrugia rrisponda hekk:

> "Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li la l-Ministeru jew xi entità/awtorità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu ma jinsab f'xi diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex jieħdu kamra jew kmamar li hemm illum fil-Park tal-Familja fil-Mellieħa."

Is-Sedja rat ukoll id-dokumenti li għamel referenza għalihom l-Onor. Robert Cutajar. Jirriżulta li dawn huma l-Minuti tas-Seduta 12 tas-7 ta' April 2020 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, fejn taħt l-*item* 5.12.2 hemm miktub:

> "5.12.2 Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 6 ta' April 2020, li huwa rċieva mill-Ministeru dwar l-Enerġija u l-Ilma, dwar l-introduzzjoni ta' xogħol lil hinn mill-post fejn tkun ibbażata l-entità. L-idea hija li jkun hemm aktar flessibbiltà, inqas ivvjaġġar, aktar ħin mal-familja. Il-proġett jaħseb ukoll li jkun hemm l-għodda biex wieħed jasal għal dan, anke f'postijiet pubbliċi bħal parki u ġonna, eċċ.".

Il-paragrafu li jiġi immedjatament wara, jiġifieri l-paragrafu 5.12.3, jgħid hekk:

> "5.12.3 Il-Kunsill talab li jingħata aktar dettalji qabel ikompli jiddiskuti l-introduzzjoni ta' dan il-kunċett fil-lokalità".

Is-Sedja tqis li t-talba tikkonċerna jekk Ministru kienx qed jiżvija l-Kamra, u allura jekk jinkwadrax taħt id-dispożizzjonijiet ta' ksur ta' privileġġ, fejn is-Sedja trid tiddeċiedi jekk hemmx *prima facie* ksur ta' privileġġ jew le.

Is-Sedja tibda billi tinnota li din it-tweġiba ngħatat fis-27 ta' Mejju 2020, li kien l-Erbgħa tal-ġimgħa l-oħra, filwaqt li l-Onor. Robert Cutajar qajjem l-ilment fis-seduta tal-bieraħ, it-Tlieta, 2 ta' Ġunju 2020. Is-Sedja tibda billi tinnota li l-ewwel opportunità li kellu l-Onor. Membru biex iqajjem dan il-punt kienet proprju fis-Seduta tas-27 ta' Mejju 2020. Meta wieħed jara l-proċedura li dejjem imxiet magħha s-Sedja, kemm preżenti kif ukoll diversement preseduta, isib li dejjem imxiet mal-kweżit tal-*first opportunity*. Dan huwa in linea mal-proċedura li tiġi segwita fil-House of Commons Kanadiża, kif joħroġ minn pubblikazzjoni li tittratta *Privileges and Immunities*, fejn l-Ispeaker Lamoureux huwa kkwotat jgħid hekk:

> "*The practice was for matters of privilege to be raised at the earliest opportunity and for the Speaker to be satisfied that a prima facie (on the first impression or at first glance) case had been established*."

Dan ifisser illi għalkemm l-Onor. Cutajar ma talabx illi s-Sedja tiddeċiedi jekk hemmx *prima facie* ksur ta' privileġġ, u għalkemm is-Sedja tinnota li t-talba dwar jekk il-Ministru Michael Farrugia kienx qed jagħmel ir-risposta tiegħu b'mod korrett jew le ma saritx fl-ewwel opportunità, is-Sedja xorta ħasset li għandha tikkunsidra dak li qed jitlob l-Onor. Cutajar.

Is-Sedja, tibda biex tgħid illi kif irrimarkat fid-diversi *rulings* tagħha taħt l-Ordnijiet Permanenti ma għandha l-ebda mansjoni illi tissindika risposta ta' Ministru. Min-naħa l-oħra, meta nqala' każ bħal dan is-Sedja dejjem ħasset li kellha tara jekk ir-risposta li jkun ta l-Ministru, f'dan il-każ il-Ministru Michael Farrugia, hijiex informazzjoni skorretta u mogħtija bil-għan u l-ħsieb li jqarraq lill-Kamra, liema att jammonta għal nuqqas ta' qima lill-istess awtorità tal-Kamra. Dan qed ngħidu peress li f'diversi *rulings* li tat is-Sedja, fosthom dawk mogħtija fis-Seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014, fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015, fis-Seduta fis-Seduta 409 tas-27 ta' Ġunju 2016, fis-Seduta 455 tat-28 ta' Novembru 2016 u l-aktar wieħed reċenti fis-Seduta 60 tal-4 ta' Diċembru 2017, is-Sedja rreferiet għal dak li dejjem ġie deċiż f'kull istanza ta' din ix-xorta, inkluż fir-*ruling* li tat fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015 fejn qalet hekk:

> "Każ simili għal dan inqala' fis-seduta parlamentari tas-26 ta' Marzu 2013 tal-House of Representatives ta' New Zealand (vol. 688, paġna 8,896) fejn insibu hekk:
>
> > "*The point that I would like to make to you quite forcefully is that if a Minister has an official report, has read it, and says that he has read it, and if he then deliberately misuses figures from that report in a primary answer, it is my view that that would be a breach of privilege.*"

Hawnhekk is-Sedja minnufih tara illi l-Ministru ma kien qed jagħmel l-ebda referenza għal xi dokument, ma kien qed jaqra mill-ebda dokument u anke jekk kif jirriżulta mill-Minuti tal-Kunsill Lokali, kienu rċevew *email* mill-Ministeru konċernat, liema *email* is-Sedja għamlet referenza għaliha peress li hija d-dokument illi l-Onor. Robert Cutajar irrefera għalih, fejn jidher li kienu rċevew *email* fis-6 ta' April li rrefera għaliha s-Sur Dario Vella mingħajr ma huwa speċifikat fl-istess domanda parlamentari dwar il-Park tal-Familja, imma kien hemm referenza:

> "dwar l-introduzzjoni ta' xogħol lil hinn mill-post fejn tkun ibbażata l-entità. L-idea hija li jkun hemm aktar flessibbiltà, inqas ivvjaġġar, aktar ħin mal-familja. Il-proġett jaħseb ukoll li jkun hemm l-għodda biex wieħed jasal għal dan, anke f'postijiet pubbliċi bħal parki u ġonna, eċċ.",

mingħjar ma jagħmilha tassattaviment li qed jagħmel referenza li dan isir, kif intavolata fil-mistoqsija parlamentari 14716, fil-Park tal-Familja fil-Mellieħa biex jintużaw bħala uffiċini.

Wara li rat dan kollu, is-Sedja qed tifhem illi l-Ministru Michael Farrugia ma kien qed jagħmel l-ebda żvijar intenzjonat lill-Kamra, u li kif diġà ġie deċiż f'diversi okkażjonijiet mis-Sedja, meta tinqala' kwestjoni fuq dan il-punt, liema punt is-Sedja daħlet fih sew fir-*ruling* li tat fis-Seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014, u nikkwota:

> "Is-Sedja trid tkun sodisfatta li mhux biss hemm fatti li mhux bilfors ikunu fatti preċiżi, imma li jrid ikun hemm l-intenzjoni speċifika tal-Membru jew il-Ministru f'dan il-każ, li huwa jimmiżlijdja lill-Kamra b'fatti li jaf li mhumiex veritieri. Jiġifieri dan huwa element importanti u kardinali. Tant hu hekk li l-istess *Erskine May* … jgħid hekk:
>
> > "*The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt.*""

Fil-każ inkwestjoni, is-Sedja rat ir-risposta li ta l-Ministru Michael Farrugia fis-Seduta tal-Erbgħa tal-ġimgħa l-oħra, jiġifieri fis-Seduta tas-27 ta' Mejju, fejn għad-domanda li għamel l-Onor. Robert Cutajar wieġeb illi:

> "Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li la l-Ministeru jew xi entità/awtorità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu ma jinsab f'xi diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex jieħdu kamra jew kmamar li hemm illum fil-Park tal-Familja fil-Mellieħa."

fil-mument li għamel dak l-i*statement*, ladarba qed issir referenza għall-Minuti li rrefera għalihom l-Onor. Robert Cutajar dwar dak li ġie diskuss fil-Kunsill Lokali tas-7 ta' April 2020, fejn l-istess Kunsill talab li jingħata aktar dettalji biex ikompli jiddiskuti l-introduzzjoni ta' dan

il-kunċett għal-lokalità, ma jidhirx li kien hemm ebda żvilupp mill-Minuti li ppreżenta l-Onor. Robert Cutajar, u għaldaqstant is-Sedja m'għandha ebda fiċ-ċirkostanzi indikazzjoni li l-Ministru b'xi mod kien qiegħed jimmiżlijdja lill-Kamra u b'hekk tifhem li dan il-każ huwa magħluq.

Ir-*ruling* huwa deċiż.